4 ta' April, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Giuseppe Sacco** *versus* **Dr. Edgardo Buhagiar et. ne.**

**Kawża — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 168 (a) u 789 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kwalunkwe korp kostitwit, jew soċjetà, li għandu kumitat jew korp ta' direzzjoni, ma jistax jiġi rappreżentat f'ġudizzju, għal dak li jattjeni għall-interess tal-korp kollu, jew tas-soċjetà, ħlief mill-kumitat tad-direzzjoni, ammenokkè fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, ma tiġix mogħtija r-rappreżentanza ġudizzjali lil persuni determinati.*

*Meta ma jkunx hemm kumitat direttiv, ir-rappreżentanza tmiss lis-soċi kollha, jekk ma tkunx delegata lil xi soċju partikulari.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attur, wara li ppremetta illi f'mument ta' allućinazzjoni mentali, segwita mir-reklużjoni tiegħu fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, ikkonsenja, f'Jannar ta' l-1945 jew versu dak ix-xahar, £500 proprjetà tiegħu taħt dikjarazzjoni li huma tal-każin; u li in segwitu, sija bonarjament u sija bl-ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju 1945, talab ir-restituzzjoni tagħhom, imma l-konvenuti nomine, li fl-istess isem irċevew dak l-ammont, ma tawhomlux lura, u lanqas ma wrew ebda raġuni għaliex dak l-ammont għandu jibqa' għand il-każin; talab illi l-istess konvenuti, fi-kwalità tagħhom premessa, jiġu kundannati jagħtuh lura l-ammont fuq imsemmi ta' £500, u li kwindi huwa jiġi kanonizzat kreditur ta' l-istess konvenuti nomine f'dak l-istess ammont. Bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra uffiċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' dik l-ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-konvenuti;

Illi ġie kostantement stabbilit minn dawn it-tribunali illi kwalunkwe korp kostitwit jew soċjetà, li għandha kumitat jew korp ta' direzzjoni, ma jistax jiġi rappreżentat f'ġudizzju għal dak li jattjeni għall-interess tal-korp kollu jew tas-soċjetà, ħlief mill-kumitat tad-direzzjoni, ammenokkè fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, ma tiġix mogħtija r-rappreżentanza ġudizzjali lil ċerti persuni determinati. Jekk ma jkunx hemm kumitat tad-direzzjoni, ir-rappreżentanza tmiss lis-soċi kollha, jekk ma jkunux iddelegawha lil xi soċju in partikolari. Dina l-ġurisprudenza għandha l-fondament tagħha fl-argument meħud mid-dispost ta' l-art. 180 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li fih hemm preskritt, fost ħwejjeġ oħra, illi l-preżentazzjoni ta' l-iskritturi tista' ssir, f'każ ta' soċjetajiet kostitwiti skond il-liġi (rikonoxxuti jew permessi mill-liġi), mill-aġent jew rappreżentant tagħhom, u mid-dispost ta' l-art. 789 (1) ta' l-istess Kodiċi, li jippreskrivi, fost ħwejjeġ oħra, illi l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħadd ieħor, ma tistax tingħa-

ta kontra wahda mill-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) tas-subċitat artikolu numru 180;

Illi ma jidherx mill-istatut tal-każin in kwistjoni illi r-rappreżentanza tiegħu giet assenjata lill-konvenuti bħala president u segretarju rispettivament ta' dak il-każin...........;

Illi lanqas ma hemm prova illi r-rappreżentanza ġudizzjali giet konferita lill-konvenuti b'riżoluzzjoni approvata mill-kumitat, sija b'mod ġeneriku, sija in konnessjoni ma' din il-kawża;

Illi dawn ir-raġunijiet jiġġustifikaw l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u għaldaqstant;

Tilqa' dina l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-konvenuti, u tilliberà l-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.